MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 2526/2000/1

**Alexandra Muscat**

**vs**

**Carmel Muscat**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 28 ta' Novembru 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fl-ghoxrin (20) t'Awissu tas-sena elf, disa' mija u wiehed u tmenin (1981) f'Malta gie ccelebrat iz-zwieg bejn l-attrici u l-konvenut, liema zwieg gie rregistrat fir-Registru Pubbliku bin-numru ta' iskrizzjoni elf, sitt mija u hmistax tas-sena 1981 (1615/81) (Dok "A");

Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali ta’ l-istess;

Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-kunsens ta’ l-attrici nkisbet bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi ghalhekk, dan iz-zwieg huwa null u bla ebda effett skond il-ligi, b’mod partikolari a tenur **tas-sub-incizi (d) u (f) tas-sub-artikolu wiehed (1) ta’ l-artikolu dsatax (19) ta’ l-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa’ mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta)** kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-20 t’Awissu 1981 huwa null u bla effett skond il-ligi, b’mod partikolari a tenur **tas-sub-incizi (d) u (f) tas-sub-artikolu wiehed (1) ta’ l-artikolu dsatax (19) ta’ l-Att Dwar iz-Zwieg iz-Zwieg tas-sena elf, disa’ mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta)** u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv (Dok “A”).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbal tal-14 ta’ Gunju 2001 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 19 ta’ Settembru 2001 fejn talbet li tinghata permess sabiex tinnotifika lill-konvenut wara l-hin legali.

Rat il-verbali tal-25 ta’ Settembru 2001 fejn il-Qorti diversament presjEduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo laqghat it-talba attrici u awtorizzat li n-notifika ssir wara l-hinijiet legali; u tat-23 ta’ Jannar 2002.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici tal-14 ta’ Jannar 2002 fejn talbet li n-notifika ssir permezz tal-procedura ta’ l-affissjoni, liema talba giet milqugha mill-Qorti b’digriet tal-21 ta’ Frar 2002.

Rat il-verbali tas-seduti tat-23 ta’ Jannar 2002; u tat-12 ta’ April 2002, fejn il-kawza giet differita biex tkompl tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta ghad-9 ta’ Ottubru 2002.

Rat estratt mill-Gazzetta tal-Gvern (harga numru 17,264, tat-Tlieta, 23 ta’ Lulju 2002) li turi l-avviz tac-citazzjoni u l-avviz tas-smiegh tal-kawza.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta tad-9 t’Ottubru 2002; tat-8 ta’ Jannar 2003 fejn inghata digriet affidavit ta’ l-attrici b’terminu ta’ sittin (60) gurnata; u tal-1 t’April 2003 fejn Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-attrici spjegat li ghandha diffikulta sabiex tikkomunika ma’ l-attrici.

Rat in-nota ta’ Dr. Schembri Orland datata 11 t’April 2003 li biha esebiet ittra fejn talbet lill-klijenta taghha sabiex tikkomunika maghha fuq il-kawza in kwistjoni.

Rat in-nota ta’ l-attrici tat-8 ta’ Mejju 2003 li permezz taghha esebiet estratt minn gazzetta lokali ghall-fini ta’ pubblikazzjoni skond l-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12.**

Rat il-verbali tal-25 ta’ Gunju 2003 fejn il-Qorti estendiet iz-zmien ghall-prezentata ta’ l-affidavits attrici b’hamsin (50) gurnata ohra; u tat-12 ta’ Novembru 2003.

Rat in-nota ta’ l-attrici tal-21 ta’ Novembru 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha.

Rat il-verbal tal-14 ta’ Jannar 2004 fejn Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-attrici ddikjarat li ghalqet il-provi permezz tal-procedura ta’ l-affidavits u li m’ghandhiex provi aktar. Il-konvenut u d-difensur tieghu msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti pprefiggiet terminu ta’ tletin (30) gurnata lill-konvenut biex jipprezenta nota t’osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollha l-istess terminu biex tirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Novembru 2004.

Rat li l-konvenut minkejja li gie notifikat bic-citazzjoni attrici permezz tal-procedura ta’ l-affissjoni (datata 11 ta’ April 2002) u anke permezz tal-pubblikazzjoni, xorta baqa’ ma pprezenta ebda nota ta’ l-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa’ kontumaci.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### (i) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>

Illi l-attrici talbet li z-zwieg celebrat jigi dikjarat null u minghajr effett u dan *ai termini* ta’ l-**artikolu 19 (1) sub-inciz (d) u (f) ta’ l-Att tal-1975 Dwar iz-Zwieg**.

Illi dawn jghidu s-segwenti:

*“**19 (1)** B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta’ dan l-Att, zwieg ikun null – omissis:*

***d)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja*

*mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

*omissis*

***f)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg";*

*omissis.*

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprevedi li l-kunsens ta' zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u bejniethom jikkrejaw shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin. Dan l-att jehtieg maturita' ta' hsieb u karattru tali li l-persuna li tidhol ghaz-zwieg taghraf il-*commitment* li jikkomporta z-zwieg, u cjoe` *commitment* li tinvolvi partecipazzjoni attiva fil-hajja ta' familja.

Illi mill-gurisprudenza nostrali jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib s-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.

Illi dan ma jirrikjedix maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet, u cjoe` ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. *Inoltre* l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-kontront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi.

Illi fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"** deciza fl-4 ta' Novembru 1994, gie studjat fil-fond il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. F'din is-sentenza l-Qorti dahlet fil-fond f'dak li jghid ***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu:

*"La discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva ... ... La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmenfe quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emottotivita' che se sono turbati o inadeguati intraccano direttamente la volonta" e possono privare della liberta scelta interiore. ... … Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il* ***grado*** *di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il future.' (***Il Diritto Canonico Matrimoniale** - ***Bersini*** - *Torino 1994).*

Illi dan l-impenn ghall-futur jittraduci ruhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja taz-zwieg, fosthom il-fedelta' u fiducja, il-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-*benessere* reciproku bejn il-mizzewgin, u cjoe` dawk l-

obbligazzjonijiet li minghajrhom unjoni ntima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistax issehh.

Illi dan ifisser li l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jiriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ma taghtix definizzjoni ta' x’inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonjiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik l-unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u prokrejazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Illi l-**artikolu 19 (1) (f)** jikkunsidra kemm is-simulazzjoni totali kif ukoll dak parzjali tal-kunsens.

Illi fil-kaz **“Alfred Tonna vs Maria Tonna”**, 31 ta' Jannar 1996, u fil-kawza **“Muscat vs Borg Grech”** 14 ta' Awissu 1995, gie spjegat li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matimonjali izda nternament u b'att pozittiv tal-volonta’ taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta’ tkun qed teskludi xi element jew proprjeta’ essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali).

Illi dan ifisser li trid issir kostatazzjoni ta’ jekk xi wiehed mill-partijiet, jew it-tnejn, ghalkemm kapaci jaghti kunsens validu ghaz-zwieg; pero bl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, issimula l-kunsens tieghu totalment fejn gie eskluz iz-zwig jew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga - simulazzjoni parzjali.

Illi fil-kaz **“Bonnici vs Bonnici”** (Qorti Civili Prim' Awla, 30 ta’ Lulju 1982) intqal li biex ikun hemm simulazzjoni

totali irrid jigi ppruvat li l-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg. Din il-Qorti diversament presjeduta f'decizjoni ohra taghha **"Cali vs Dr. Albert S. Grech"** (Prim' Awla 22 ta' Gunju 1988) qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Imbaghad fil-kaz **"Galea vs Walshi"** (Prim' Awla 30 ta' Marzu 1995), il-Qorti spjegat is-simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Fil-kaz **"Muscat vs Borg Grech"** (Prim' Awla 14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat is-simulazzjoni totali hekk:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda ikun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu."*

Illi rigwardanti s-simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, diversament presjeduta fil-kaz **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et noe"** (14 ta' Lulju 1994) elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala l-komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokrejazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawzi **"Grech vs Grech"** (Prim' Awla 9 ta' Ottubru 1990), u **"Aquilina vs Aquilina"** (Prim' Awla 30 ta' Jannar 1991).

**(ii) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-partijiet izzewgu civilment fl-20 ta' Awissu 1981 u dan jidher li l-attrici ghamlitu peress li kien tqila, *stante* li mir-rakkont taghha permezz ta' l-affidavit taghha hija tghid b'mod mill-iktar car u skjet li mhux biss ma kenitx thobb lill-konvenut, izda adirittura kienet tiehu qatgha meta kienet tkun mieghu. L-istess attrici zzid tghid li nkredibilment hija bdiet ir-relazzjoni mal-konvenut meta kien ghad kellha biss tlettax-il sena, u dan minkejja l-fatt li hija ma kellha ebda gibda lejh. Hija ssostni li baqghet mieghu peress li l-

ġenituri tagħha kellhom grazzja miegħu, u qatt ma għamlet il-kuraġġ li tgħid lill-ġenituri tagħha li hija riedet tħassar ir-relazzjoni tagħha mal-konvenut.  Gara pero' li minkejja dan kollu hija nqabdet tqila mill-konvenut, u allura l-familari raw kif għamlu sabiex jiżżewġu ċivilment.  Ta' min jinnota pero' li dan kollu sar minn wara dahar missier l-attriċi. Fil-fatt il-partijiet ma kellhom xejn ippreparat, kollox ħadulhom ħsieb il-familjari tagħhom.  Wara din iċ-ċelebrazzjoni b'mod ċivili, kull parti marret fid-dar tar-residenza tal-familja tagħha. Imbagħad saru arranġamenti sabiex isir iż-żwieġ bir-rit reliġjuż, wara li  sar jaf bl-istorja kollha wkoll missier l-attriċi.

Illi minn dan kollu jirriżulta li l-partijiet fil-mument taż-żwieġ tagħhom kienu affetti b'difett ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, u din il-Qorti tħoss li fiċ-ċirkostanzi kif spjegati mill-attriċi bil-ġurament tagħha, l-istess partijiet ma kienux tassew liberi meta taw dan il-kunsens taż-żwieġ.  Ċertament fl-istat li kienu, fejn kulħadd kien jieħu d-deċiżjonijiet għalihom, qatt ma setgħu taw lil xulxin lanqas xi sembjenza ta' mpenn għall-ħajja miżżewġa – anzi jidher li l-attriċi assolutament ma riedet qatt li tiżżewweġ lill-konvenut.  Fil-fatt tgħid li kienet saħanistra tgħidlu li kienet tħobb lillħaddieħor, u ċertament li fl-eta' tagħha u mill-esperjenza li għaddiet minnha, żgur li kellha fil-mument taż-żwieġ difett ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa u partikolarment fuq ir-relazzjoni tagħha mal-konvenut. L-istess jista' jingħad għall-konvenut, li jidher li ma kellux triq oħra ħlief li jaċċetta dak li ġie deċiż għalih, kollu frott ta' l-insistenza rresponsabbli tiegħu li jkollu relazzjoni ntima ma' l-attriċi meta hija kienet tant żgħira, u bla ma qatt ħaseb xejn fuq il-konsegwenzi serji ta' għemilu.

Illi għalhekk din il-Qorti tħoss li l-kunsens tal-partijiet għal dan iż-żwieġ kien vizzjat a bażi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta**, għar-raġunijiet imputabbli liż-żewġ partijiet kif premess.

## <u>III.   KONKLUŻJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-20 t'Awissu 1981 huwa null u bla effett skond il-ligi, b'mod partikolari a tenur **tas-sub-incizi (d) tas-sub-artikolu wiehed (1) ta' l-artikolu dsatax (19) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta),** u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv (Dok "A").

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------